# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 778/2012/VG**

**George ZAMMIT**

**Vs**

**Elmo Insurance Limited u b'digriet datat 17 ta' Jannar 2013 gie kjamat in kawza Johansson SPITERI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-15 ta' Novembru, 2012** u li permezz taghha talab lis-socjeta intimata thallsu s-somma ta' elf mitejn wiehed u tmenin euro u sbatax-il centezmu ta' Euro [€1,281.17c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Prevja kull dikjarazzjoni opportuna illi l-kumpanija intimata tigi ordnata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €1,281.17 (elf, mitejn u wiehed u tmenin Euro u sbatax-il centezmu) rapprezentanti bilanc pendenti fuq il-vettura ta' l-ghamla SEAT bin-numru ta' registrazzjoni JBP-242 liema vettura il-kumpanija intimata bieghet lir-rikorrenti wara li akkwistat l-istess minghand terzi, liema bejgh sar meta kien ghad baqa ammonti pendenti fuq l-imsemmija vettura, liema ammont ghadu dovut, bil-konsegwenza li ma jistax isir it-trasferiment relattiv ta' l-imsemmija vettura.
>
> Illi minkejja li l-kumpanija intimata giet diversi drabi interpellata sabiex tirregolarizza din il-posizzjoni il-kumpanija intimata baqghet inadempjenti ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-kumpanija intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta ntimata** minnha mressqa fis-17 ta' Jannar, 2013 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu michuda stante li l-eccipjenti m'ghandha thallas l-ebda ammont allegatament pendenti fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JPB-242.

2. Illi di fatti, l-eccipjenti tissenjala illi r-wreck tal-imsemmija vettura giet mibghuta lill-attur f'kundizzjoni tale quale, hekk kif jirrizulta mill-ircevuta relattiva rilaxxjata fit-8 ta' Frar, 2011 [Dok. ELM 1].

3. Ghaldaqstant, l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-eccipjenti tirrileva illi hija akkwistat ir-wreck tal-vettura msemmija bin-numru ta' registrazzjoni JPB-242 minghand it-terz Johansson Spiteri u dan sussegwenti ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fid-19 ta' Dicembru, 2010. Semmai, kull bilanc li ghadu jew jista jkun pendenti fuq il-vettura imsemmija hija responsabbilta unika tal-istess Johansson Spiteri. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, ghandu jigi kjamat in kawza l-imsemmi Johansson Spiteri (ta' 83, Triq l-Istefanotis, Santa Lucija) sabiex jirrispondi direttament ghat-talbiet tal-attur";

Ra d-digriet tieghu datat 17 ta' Jannar, 2013 fejn giet ordnata l-kjamata fil-kawza ta' Johannson Spiteri.

Ra **r-risposta tal-kjamat fil-kawza Johansson Spiteri** minnu mressqa fl-4 ta' Marzu, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi l-kjamat in kawza, m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-mertu ta' din il-kawza;

2. Illi ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Bl-ispejjez kontra min ikkjamah in kawza"

Ra l-verbal tal-4 ta' Frar, 2015 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li bhala stat ta' fatt jirrizulta li l-kjamat fil-kawza Johannson Spiteri kellu l-vettura Seat bil-pjanca tar-registrazzjoni numru JBP-242. Din il-vettura li kienet involuta f'incident u kienet giet dikjarata bhala *beyond economical repair* inzammet mis-socjeta intimata. L-intimat xtara din il-vettura minghand is-socjeta intimata u wara li rrangaha, bieghha lil Albert Genovese. Kien f'dan il-waqt li r-rikorrenti gie nfurmat li huwa kellhu jhallas is-somma ta' €1,218.17 u dan peress li l-vettura msemmija kienet ibbenifikat minn skema tal-iskrappjar meta kienet inxtrat.

Fl-istess verbal, id-difensur tar-rikorrenti ddikjara li l-istess rikorrenti ma giex infurmat li kien hemm hlasijiet ulterjuri xi jsiru ghar-rigward ta' din il-vettura. Da parti taghha, d-difensur tas-socjeta intimata rrilevat li s-socjeta intimata ma kienitx taf li l-vettura in kwistjoni kienet ibbenifikat mill-iskema ta' l-iscrappjar u ghalhekk ma setat qatt tinforma lir-rikorrenti b'dan il-fatt. Qalet li f'kull kaz, ir-*wreck* inbiegh tale quale. Id-difensur tal-kjamat fil-kawza qal li l-assistit tieghu kien ibbenifika mill-iskema ta' l-iskrappjar meta huwa xtara l-vettura in kwistjoni. L-ammont li kien ibbenefika minnu kien ta' €1,218.17. Meta imbaghad huwa ghadda r-*wreck* lis-socjeta intimata, hadd ma qallu xejn u inghata l-*pre-accident market value* tal-vettura wara li tnehha l-valur tar-*wreck*.

Ra l-verbal tal-24 ta' Gunju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, <u>r-rikorrenti qieghed jitlob</u> minghand is-socjeta ntimata l-hlas tas-somma ta' elf mitejn wiehed u tmenin euro u sbatax-il centezmu ta' Euro [€1,281.17c] rapprezentanti bilanc pendenti fuq il-vettura ta' l-ghamla SEAT bin-numru ta' registrazzjoni JBP-242 liema vettura huwa kien akkwista minghand is-socjeta intimata wara li hi kienet akkwistata minghand il-kjamat fil-kawza. Dan l-ammont, kompla jghid l-intimat, huwa dovut lilu peress li, meta s-socjeta intimata bieghetlu l-imsemmija vettura, kien ghad baqa ammonti pendenti fuqha, liema ammont ghadu dovut, bil-konsegwenza li ma jistax isir it-trasferiment relattiv ta' l-imsemmija vettura. <u>Is-socjeta intimata</u> da parti taghha wiegbet u qalet li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tigu michuda stante li hi m'ghandha thallas l-ebda ammont allegatament pendenti fuq il-vettura msemmija. Qalet li r-rikorrenti kien xtara l-imsemmija vettura bhala *wreck* u f'kundizzjoni tale quale, hekk kif jirrizulta mill-ircevuta relattiva rilaxxjata fit-8 ta' Frar, 2011. Ghalhekk sahqet l-istess socjeta intimata, hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Dwar l-imsemmija vettura, s-socjeta intimata qalet li hija kienet akkwistata bhala *wreck* minghand il-kjamat fil-kawza Johansson Spiteri u dan sussegwenti ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fid-19 ta' Dicembru, 2010. Ghalhekk, kompliet tghid is-socjeta intimata, kull bilanc li ghadu jew jista jkun pendenti fuq il-vettura imsemmija hija responsabbilta unika tal-istess kjamat fil-kawza Johansson Spiteri. <u>Il-kjamat fil-kawza</u>, da parti tieghu qal li huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-mertu ta' din il-kawza u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra min ikkjamah in kawza u cioe s-socjeta intimata.

Ikkunsidra;

2. **George Zammit** xehed bil-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li xogholu huwa ta' tellar u kien akkwista l-vettura tal-ghamla SEAT bil-pjanca ta' registrazzjoni JPB (recte: JBP) 242 minghand is-socjeta intimata versu l-prezz ta' tlett elef euro (€3,000). Qal li s-socjeta

intimata qatt ma infurmatu li din il-vettura kienet meqjusa bhala "*scrapped vehicle*" u li din kienet giet akkwistata permezz ta' skema. Wara li kien xtara din il-vettura, huwa kien ghamel xi xogholijiet fiha u reggha ghamilha tajba ghat-triq u fil-fatt kien taha lil *dealer* li da parti tieghu kien bieghha lil terzi. Qal li meta wasal iz-zmien biex jiffirma t-trasferiment irrizultalu dak li ma kienitx qaltlu s-socjeta intimata u cioe li din il-vettura kienet meqjusa bhala "*scrapped vehicle*" u li din kienet giet akkwistata permezz ta' skema. Qal li sar jaf li din il-vettura kienet giet *written off* u li minhabba f'hekk kellu jhallas l-ammont reklamat minnu f'dawn il-proceduri. Huwa ikkonferma li kien ircieva d-dokument esebit a fol. 7 li tghid fost affarijiet ohra "*sale of wreck tale quale Reg No JBP242*". Qal ukoll li meta s-socjeta intimata kienet taghtu l-*logbook*, li fuqu kien hemm miktub li din l-istess vettura kienet ibbenefikat mill-i*scrappage fee*, hija ma kienet semmietlu xejn minn dan. Qal li kieku kien jaf li kien hemm din l-i*scrappage fee* x'tithallas, huwa ma kienx jiehu l-vettura.

3. **Karen Tabone**, rapprezentanta ta' Transport Malta qalet li l-vettura tal-ghamla SEAT pjanca ta' registrazzjoni JBP-242 kienet registrata fuq il-kjamat fil-kawza mill-15 ta' Dicembru, 2010 sat-28 ta' Ottubru, 2011. Din il-vettura kienet giet registrata taht l-i*scrappage scheme*. Qalet li l-iskema kienet inharget sabiex min ikollu vettura qadima jehles minnha u jixtri wahda gdida. Ziedet tghid li l-ammont ta' €1218.17c ma jkunx inghata direttament lill-kjamat fil-kawza izda jkun kreditu minghand il-Gvern, fl-ammont ta' sebghin fil-mija (70%) u minghand l-importatur fl-ammont ta' tletin fil-mija (30%). Ziedet tghid li wahda mir-rekwiziti ta' din l-iskema kienet li l-vettura ma tkunx tista tigi trasferita qabel ma jghaddu tlett snin u f'kaz li tigi trasferita qabel tkun trid tithallas s-somma msemmija lura. Peress li l-vettura giet trasferita fit-28 ta' Ottubru, 2011 lil Albert Genovese, kellu jithallas dan l-ammont lil Transport Malta.

4. **George Stagno Navarra** qal li huwa ma jaf bl-ebda karta li inghatat mis-socjeta intimata lir-rikorrenti fejn kien hemm miktub li din il-vettura kienet soggetta ghal i*scrappage fee*. Zied ighid ukoll li lanqas ma hemm referenza ghal dan il-fatt, u cioe li l-vettura kienet soggetta ghall-i*scrappage fee* fil-*logbook*. In kontro-ezami, huwa qal li s-socjeta intimata qabel ma taghti l-flus lin-nies tar-*wreck* huma ikunu jridu jserhu mohhom li ma ghadx hemm dejn fuq dik il-vettura in kwistjoni u f'kaz li jkun hemm, huma jkunu jridu prova li dan thallas.

5. **Il-kjamat fil-kawza Johannsen Spiteri** kkonferma l-firma tieghu fuq id-*discharge form* li hemm esebita a fol. 51 tal-process. F'din id-*discharge form* insibu dan li gej: "*In consideration of the payment to me/us by the Insurer named below of the sum stated as Damages at the foot hereof, receipt of which sum I/we hereby acknowledge, I/we absolutely and finally discharge and indemnify the Party(ies) named and any other party whatsoever from all further claims of every nature and kind competent to me/us arising out of the Accident or Loss hereinafter mentioned*" (fol. 51). Fis-seduta tat-28 ta' April, 2015, huwa qal li l-vettura in kwistjoni kien xtraha versu l-prezz ta' €16,000. Qal li l-importatur tal-vettura kien qallu li kien hemm *scrappage scheme* jekk jixtri l-vettura u bejn l-iskont li kienu tawh ghax kien hemm it-*trade fair*, huwa spicca hallas €14,000. Qal li tlett ijiem wara li kien hareg din il-vettura, klijent tas-socjeta intimata baqa diehel fih u

l-vettura giet dikjarata bhala *beyond economical repair*. Wara li kellem lis-socjeta intimata, huwa talabha l-hlas tas-somma ta' erbatax-il elf euro (€14,000) u hija, kompla jghid il-kjamat fil-kawza, accettat. Qal ukoll li "*lil tal-insurance sakemm ircevejt ic-cekk ma kontx ghidtilhom li din il-karozza kienet ibbenefikat mill-iscrappage scheme*" (fol. 60). Xi sena wara li kien irranga mas-socjeta intimata ghal-hlas, kompla jghid il-kjamat fil-kawza, huwa kien ircieva telefonata minghand ir-rikorrenti u kien infurmah b'dak li kien gara. In kontro-ezami, huwa qal li kien jaf li kien hemm xi kundizzjonijiet marbuta ma' l-i*scrappage scheme* pero meta huwa kien ta l-vettura lis-socjeta intimata huwa ma qatx jaghti kaz.

6. **John Cassar**, *claims handler*, mas-socjeta intimata qal li din kienet tatu s-somma ta' €14,000 lill-kjamat in kawza ghall-vettura tieghu li kienet involuta f'incident awtomobilistiku. Qal li l-kjamat fil-kawza qatt ma kien semma li meta huwa kien xtara l-vettura tieghu, din kienet ibbenefikat mill-iskema ta' *scrappage*. Qal illi kieku qalilhom "*ahna konna naraw x'somma kien iffranka meta xtara l-vettura ahna konna naghtuh is-somma li offrejna minghajr l-ammont li jkun ha tal-iscrappage*" (fol. 54). Dan, kompla jghid ix-xhud, "*l-ghaliex ahna ovvjament nixtru l-vettura biex nergaw inbieghuha u fl-iscrappage scheme jkun hemm zmien fejn din il-vettura ma tkunx tista tigi ttrasferita hlief jekk tirrifondi lura s-somma tal-iscrappage*" (fol. 54-55).Qal li din il-vettura kienet giet registrata l-ewwel darba fil-15 ta' Dicembru, 2010 u l-incident sehh erbat' ijiem wara fid-19 ta' Dicembru, 2010. Qal li wara li kien inqala l-kaz, huwa kien kellem lill-kjamat fil-kawza u dan tah x'jifhem li kienu ser jaslu fi ftehim izda mbaghad waqaf kollox. Zied ighid li l-vettura qatt ma kienet fuq isem is-socjeta intimata u huma kull ma jaghmlu huwa li jiggraxxjaw il-vettura u meta jbieghuha jaghtu l-*logbook* bl-isem tas-sid precedenti lil min ibieghuha. Qal li huma kienu fl-impossibilita li jkunu jafu li l-kjamat fil-kawza ibbenefika minn din l-iskema u r-rikorrenti nduna b'dan il-fatt meta pprova jaghmel it-*transfer* ghal fuq ismu. Qal li s-socjeta ntimata ma kellha biss il-*log book* fil-pussess taghha u ma kellha l-ebda kopja ta' dokument li bih setaw ikunu jafu li din il-vettura kienet ibbenefikat mill-iskema ta' l-iskrapjar. In kontro-ezami, x-xhud qal li l-pre-accident value tal-vettura kien ta' €14,000 li huwa l-ammont ezatt li kien ircieva r-rikorrenti minghand is-socjeta intimata.

7. **Mark Zammit,** iben ir-rikorrenti qal li meta hu u missieru hadu l-vettura in kwistjoni minghand is-socjeta intimata, kull ma nghataw kienet ricevuta u skoprew bil-kwistjoni ta' l-i*scrappage* meta kienu marru biex jaghmlu t-*transfer* l-ADT. Qal li wara huma kienu marru ghand is-socjeta intimata u George Cassar kien uriehom karta u qalilhom li l-vettura kienet mixtrija bl-i*scrappage scheme*. Mistoqsi jekk ghandux kopja tad-dokument muri mis-socjeta intimata lilhom meta marru ghandha, wara li kienu skoprew li l-vettura kienet bl-i*scrappage scheme*, x-xhud wiegeb fin-negattiv.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Il-kjamat fil-kawza xtara vettura gdida ta' l-ghamla SEAT bil-pjanca ta' registrazzjoni JBP-242 waqt il-fiera tas-sena 2010. Il-valur taghha, kien ta' €16,041 (dok. JS 1 a fol. 62 et seq) u wara li tnaqqas l-ammont li kien ser jibbenefika minnu taht l-i*scrappage scheme*

u l-iskont li nghata kien ta' €14,000. Tlett ijiem wara li hareg il-vettura, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku ma assigurat tas-socjeta intimata u l-vettura tieghu giet dikjarata *beyond economical repair*. Is-socjeta intimata accettat it-tort tant li hija hallset lill-kjamat fil-kawza s-somma ta' €14,000 l-ammont li huwa kien hallas meta xtara l-imsemmija vettura. Mill-provi rrizulta li l-kwistjoni tal-i*scrappage scheme* giet injorata kemm mill-kjamat fil-kawza u kemm mis-socjeta intimata. Il-kjamat fil-kawza qal li huwa kien hallas l-ammont ta' €14,000 ghall-vettura li kien xtara ghax kien ibbenefika mill-iskema ta' l-iskrappjar fl-ammont ta' €1281.17c. Fir-rejalta kieku huwa ma bbenefikax mill-imsemmija skema, l-prezz tal-vettura kien ser ikun izjed bl-ammont hawn appena indikat. Is-socjeta intimata ovvjament kien ikollha tohrog prezz akbar milli harget u dan tenut kont tal-fatt li l-incident sehh biss tlett ijiem wara li l-kjamat fil-kawza kien hareg il-vettura. Ghalhekk, fl-ahhar mill-ahhar, kienet is-socjeta intimata li bbenefikat minn din l-iskema u dan peress li hija harget ammont inqas milli effettivament kellha tohrog. It-Tribunal ma jaqbilx ma dak li qal George Cassar fix-xhieda tieghu u cioe li "*ahna konna naraw x'somma kien iffranka meta xtara l-vettura ahna konna naghtuh is-somma li offrejna minghajr l-ammont li jkun ha tal-iscrappage*" (fol. 54) u dan peress li kieku ma bbenefikax minn din l-iskema l-kjamat fil-kawza, l-valur tal-vettura kien ikun ghola u hija kien ikollha tohrog aktar flus biex thallas lill-kjamat fil-kawza. Wiehed ma jridx jinsa li l-vettura kienet ilha biss tlett ijiem fit-triq qabel ma giet dikjarata bhala *beyond economical repair* minhabba l-incident li kienet involuta fih u allura l-valur taghha zgur li kien ser jirrifletti l-prezz taghha.

9. Is-socjeta intimata tenfasizza fir-risposta taghha li hija kienet bieghet din il-vettura bhala *wreck* bil-kundizzjoni *tale quale*. Pero bir-rispett kollu, hawn ma ghandniex kwistjoni dwar il-vettura izda dwar il-bejgh u l-prezz u allura l-kwistjoni tat-tale quale ma ticcentra xejn f'din il-kwistjoni. Ir-rikorrenti ma huwiex jilmenta mill-kwalita tar-*wreck* mibjugh lilu mis-socjeta intimata izda qieghed jilmenta mill-fatt li meta huwa gie biex jitrafserixxi din il-vettura, wara li kien irrangaha, lil terzi, huwa gie rinfaccjat b'kont minn Transport Malta li kellhu jhallas peress li l-imsemmija vettura kienet ibbenefikat mill-i*scrappage scheme* u wahda mill-kundizzjonijiet kienet li din ma tigiex trasferita qabel ma jkun ghadda certu zmien. Huwa minnu li l-kjamat fil-kawza ma kienx qal lis-socjeta intimata li din il-vettura kienet ibbenefikat mill-imsemmija skema, pero, kif diga rajna, dan il-fatt ma jiccentra xejn mad-decizjoni li qieghed jiehu t-Tribunal.

10. Illi ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, hija s-socjeta intimata li ghandha thallas l-ammont reklamat mir-rikorrenti u l-kjamat fil-kawza ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju.

11. Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

    i) Jilqa l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

    ii) Jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz.

iii) Qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti; u

iv) Konsegwentement qieghed jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf mitejn wiehed u tmenin euro u sbatax-il centezmu ta' Euro [€1,281.17c] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-28 ta' Ottubru, 2011 (data tar-ricevuta esebita a fol. 31) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, huma kollha a karigu tas-socjeta intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**